MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 178/2009

**GO plc – C22334**

**vs**

**CEL Travel (P 591) u Inter Meditour Ltd (C15267)**
**u Simon Peter Azzopardi (ID 347977M)**
**u Joseph Azzopardi (ID 532651M)**

**It-Tribunal,**

**Ra** li t-TALBA tas-socjeta’ attrici hi dwar hlas ta’ disa’ mija, sebgha u tmenin Ewro u disghin centezmi (€987.90c) dovut in konnessjoni ma servizz ta’ telekomunikazzjoni li jgib in-numru S/C 3466 (CN1010653) skond diversi kontijiet mibghuta lill-konvenuti u skond id-dokumenti annessi mal-AVVIZ, jigifieri:

IZY 1 prospett ghas-servizz bin-numru S/C 3466
IZY 2 ftehim ghal servizz telefoniku bin-numru S/C 3466 (rispettivament *a fol* 2 *u fol* 5)

Jizdied fit-TALBA li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi biex ihallsu izda baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenuti, ingunti ghas-subizzjoni.

**Ra** r-RISPOSTA tal-konvenuti li hi hekk:-

It-talbiet ghandhom jigu michuda billi, preliminarjament, billi m'hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-konvenuti u s-socjeta' attrici.

Minghajr pregudizzju, l-azzjoni hi preskritta, skond art 2156(f) tal-Kap (hawn it-Tribunal jifhem, riferenza ghall-Kodici Civili)

Salvi eccezzjonijiet ohra li talvolta jistghu jitressqu meta s-socjeta' attrici tindika l-perijodu meta gie prestart is-servizz.

Bl-ispejjes

**<u>PROVI</u>**

A It-TRIBUNAL ra li s-socjeta' attrici, in sostenn tat-TALBA taghha esibiet tliet dokumenti ohra:

Dok A (*a fol* 14) talba ghax-xoghol in kwistjoni bil-firma tal-konvenut Joseph Azzopardi.

Dok B (*a fol* 15) estratt mir-Registru tal-Kumpaniji li juri li CEL Travel Ltd kienet tnehhiet minn fuq ir-Registru billi giet konvertita f'*partnership*

Dok C (*a fol et seq*) estratt mill-istess Registru li juri li CEL Travel hi *partnership*, b'isem id-diretturi u l-azzjonist. Qabel kienet CEL Travel Ltd

B1 **<u>Dr. Ingrid Zammit Young</u>** ghas-socjeta' attrici qalet li d-Dok *a fol* 2 hu prospett dwar kirjiet, billi din kienet "leased line" u dawk kienu bil-kirjiet; jigifieri jekk sarux *calls* jew le minn dan il-prospett ma jkunux jirrizultaw.

2 Ix-xhud qalet li trid ticcekkja l-linja kienetx *connected* jew le.

3 Dwar l-emails annessi mal-affidavit ta' Joe Azzopardi (ara C, *infra*) *a fol* 28 tal-process, dawn ma jirrizultawx mill-file taghha.

C1 **<u>Joseph Azzopardi</u>**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit (*a fol* 29 et seq) u qal li hu direttur tal-*partnership* CEL Travel u ta' Intermeditur Limited u jiggestixxi n-negozju minn tliet ufficini – Sliema, Valletta u Gzira. Kellu sistema ta' telefon f'kull local u sistema tal-LLA Voice, jigifieri "bridging bejn ufficcju u iehor). Qabel April 2002 il-*base* kien tas-Sliema.

2 F'April 2002 mexa ghall-Gzira u talab t-trasferiment tal-*base point* ghal dan il-post. Il-"bridging" Gzira/Sliema waqaf jintuza.

3 F'Marzu 2004 issokta l-uzu tal-ufficcju f'Tas-Sliema u ndunaw li l-"bridging" ma kienx qed jahdem u s-servizz gie mqabbad wara telefonata mix-xhud lil allura Maltacom plc

4 Kien f'April 2004 li beda jikkontesta l-kontijiet li kien ircieva u hu kien ga beda jhallas tal-perijodu bejn April 2002 u April 2004. **Dana minhabba n-nuqqas ta' servizz kif intqal lix-xhud mill-istess Maltacom** (enfasi tat-Tribunal). Izda "l-emails u l-ittra kollha tieghu fir-rigward ta' din il-kontestazzjoni gew injorati kompletament sal-gurnata tal-lum". Hawn ix-xhud esibixxa kopja tal-korrispondenza mal-Maltacom plc.

5 Billi s-servizz ma kienx qed jahdem sew hu kien ghamel talba ghal skonnettjar. Dana ftit xhur wara April 2004. L-iskonnettjar sar f'Lulju 2007.

6 Il-problema tirrigwarda biss is-servizz tal-LLA Voice, il-bqija kien jigi *invoiced* separatament.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

It-TRIBUNAL jikkunsidra kif gej:-

1. L-ewwelnett l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi minn natura taghha preliminari, u trid tigi meqjusa fl-ewwel lok. L-art 2156 (f) tal-Kap 16 imsemmi fir-RISPOSTA hu tal-preskrizzjoni kwinkennali. Dan is-subincis jirreferi ghal, kull dejn iehor, gej minn transazzjoni kummercjali jew xort'ohra, diment li d-dejn ma jkunx taht xi ligi suggett ghal perijodu iqsar.

2. Il-kaz prezenti jinkwadra ruhu f'dan is-subincis. Id-dokument a fol 2 juri kontijiet ininterrotti bejn it-23 ta' Ottubru 2001 sal-21 ta' Jannar 2009, bl-AVVIZ jigi ntavolat fil-5 ta' Marzu 2009. Sadattant il-konvenuti kienu qed jikkontestaw il-kontijiet u f'ebda waqt is-socjeta' attrici ma siktet jew b'xi mod akkwjexxiet. Anzi da parti ta' Joseph Azzopardi jghid li hu beda jikkontesta l-kontijiet sa minn April 2004 u ghamel anke xi hlas ghal dan il-perijodu. Issa billi l-AVVIZ gie ntavolat f'Jannar 2009, bejn April 2004 u Jannar 2009 ma kienux ghaddew 5 snin. It-TRIBUNAL f'dawn ic-cirkostanzi, anke b'sens ta' ekwita', m'ghandux jilqa din l-eccezzjoni.

3. Ghar-rigward tal-eccezzjoni l-ohra, ta' natura preliminari wkoll, fejn il-konvenuti qed jghidu li m'hemm ebda **relazzjoni guridika** bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti il-pozizzjoni hi hekk:-
Id-Dok A juri talba ghax-xoghol firmata minn Joseph Azzopardi fil-kwalita' tieghu ta' Managing Director ta' CEL Travel ta' 63a, Triq it-Torri, Sliema. Mid-Dok B jidher li CEL TRAVEL Ltd, tal-istess indirizz kienet "struck off" u jsegwi n-notament "following partnership". Imbaghad id-Dok C jirriferi ghal *partnership* intestat CEL TRAVEL bil-kontribuzzjoni inizjali maghmula minn Simon P Azzopardi, Joseph Azzopardi u Inter-Meditour Ltd.

4. It-TRIBUNAL iqis li l-konvenuti fil-kawza prezenti ma jistghux jitqiesu bhala estraneji u jqis li gew korrettament citati. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

5. Nigu issa ghat-TALBA attrici. Jibda jigi osservat li talba hi fiha nnifisha allegazzjoni jew semplici pretensjoni

sakemm dak mitlub ma jigix mill-atturi pruvat almenu, *in civilibus*, fuq bazi ta' probabilita'. Anke f'kaz ta' kontumacja. Il-pozizzjoni tkun differenti biss jekk ikun hemm accettazzjoni jew ammissjoni. Issa hawn ghandna semplici esibizzjoni ta' kont li, da parti tas-socjeta' attrici ma giex imwettaq b'xi xhieda li twassal ghal prova skond il-ligi. Dan jinghad, iktar u iktar, meta ghandek kontestazzjoni da parti tal-konvenuti. Meta ghandek affidavit minn naha tal-konvenut Joseph Azzopardi li jitfa dubbju serju dwar kemm il-pretensjoni attrici hi gustifikata. Ghalhekk, fic-cirkostanzi il-pretensjoni attrici ghandha titqies mhux pruvata.

**DECIZJONI**

Meqjus dan kollu, it-TRIBUNAL jiddeciedi billi, jichad it-TALBA attrici.

Fic-cirkostanzi kull parti tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------